31973R3083

15.11.1973 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 314/20

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 3083/73 TAL-KUMMISSJONI
ta' l-14 ta' Novembru 1973
dwar il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq taż-żrieragħ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KEE) Nru 2358/71 ([1]) tal-Kunsill tas-26 t'Ottubru 1971 dwar l-organiżazzjoni komuni tas-suq taż-żrieragħ, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1707/73 ([2]), u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Billi Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 jistabbilixxi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament; billi safejn għandha x'taqsam l-informazzjoni li trid tiġi komunikata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri huwa xieraq li tiġi ffissata n-natura tagħha u l-limiti ta' żmien li fihom għandha tingħata;

Billi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-Opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-żrieragħ,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu Uniku

L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni, għal kull speċi jew grupp ta' varjetajiet li għalihom tkun ġiet iffissata għajnuna u għal kull tip ta' qamħirrun ibridu għaż-żriegħ li għalih ikun ġie ffissat prezz ta' preferenza, l-informazzjoni elenkata fl-Anness sad-dati speċifikati hemmhekk.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Novembru 1973.

Għall-Kummissjoni

François-Xavier ORTOLI

Il-President

([1]) ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1.
([2]) ĠU L 175, tad-29.6.1973, p. 5.

-ANNESS

Nru	In-natura ta' l-informazzjoni (skond l-ispeċji u grupp ta' varjetà)	Data sa meta għandha tinghata l-informazzjoni	
		Sena tal-ħsad	Sena kalendarja wara l-ħsad
1	Żona totali mdaħħla għaċ-ċertifikazzjoni (f'ettari)	1 ta' Lulju (1)	
2	Żona totali aċċettata għaċ-ċertifikazzjoni (f'ettari)	15 ta' Diċembru	
3	Ħsad stmat (f'100 kg) (2) (8)	15 ta' Diċembru	
4	Kwantitajiet stmati li aktarx ikunu sejrin jiġu preżentati għaċ-ċertifikazzjoni (l-istima għandha ssir fuq il-bażi tal-kwantitajiet ċertifikati qabel) (data proviżorja f'100 kg) (3) (8)		1 ta' Mejju
5	Prezz tal-bejgħ nett riċevut minn min ikabbar (figuri proviżorji f'100 kg) (4) (8)		1 ta' Mejju
6	Kwantitajiet totali maħsuda (f'100 kg) (3) (8)		1 ta' Ottubru
7	Prezz tal-bejgħ nett riċevut minn min ikabbar (figuri finali f'100 kg) (4) (8)		1 ta' Ottubru
8	Total ta' importazzjonijiet u esportazzjonjiet (3) (5) (6) (8)		1 ta' Ottubru
9	Ħażniet miżmuma minn min ikabbar u mill-bejjiegħa bl-ingrossa fit-tmiem tas-sena tal-marketing (f'100 kg) (3) (6) (8)		1 ta' Ottubru
10	Prezzijiet *free-at-frontier* (qamħirrum ibridu għaż-żriegħ) (f'100 kg) (6) (7)	1 ta' Diċembru, 1 ta' Jannar, 1 ta' Frar, 1 ta' Marzu, 1 ta' April	

(1) Fil-każ ta' speċji ta' żerriegħa maħsuda mat-tieni qtugħ id-data relevanti hija l-1 ta' Settembru.

(2) Din id-data tapplika biss għal żerriegħa bażika u żerriegħa ċertifikata.

(3) Għal speċji li jistgħu jiġu marketed ġewwa l-Komunità, jew permezz ta' miżura transitorja, fl-Istati Membri ġodda, bħala żerriegħa kummerċjali, id-data tista' tingħata separatament fir-rigward ta':
(i) żerriegħa bażika u żerriegħa ċertifikata
(ii) żerriegħa kummerċjali

(4) Spejjeż ta' thejjija għall-marketing, ċertifikazzjoni u ħlasijiet tat-trasport, VAT u somom irċevuti fir-rigward ta' għajnuna m'humiex inklużi f'dan il-prezz.

(5) Importazjzonijiet mill-pajjiż ta' oriġini
Esportazzjonijiet mill-pajjiż destinatarju.

(6) Sena tal-marketing kif speċifikat f'Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 (ĠU L 246 tal-5 ta' Novembru 1971, p.1)

(7) Prezz għal kull tip ta' ibridu, ċertifikat, trattat u preżentat għall-bejgħ kif speċifikat f'Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1578/72 (ĠU L 168 tas-26 ta' Lulju 1972, p.1)

(8) Figuri għal kwantitajiet relatati ma' żerriegħa li tissodisfa r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni; għall-partiti 4, 6, 8 u 9. Ir-rekwiżiti applikati jistgħu jkunu dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċettazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni.